**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Rikors Nru : 284/16 AL

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti waqt is-seduta tal-20 ta' Ottubru 2016, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fit-18 ta' Novembru 1978 (Dok A);
2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fit-28 ta' Dicembru 2006, fl-atti tan-Nutar Dr Gertrude Farrugia Wismayer (Dok B):
3. Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom aktar minn disgha snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar il-manteniment;
5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi :

1. Tiddikjara id-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Novembru 1978;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju, 2016;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Semghet lir-rikorrenti titlob illi tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Aquilina;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti tibda billi tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Aquilina u titlob lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jiehu il-passi kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati mit-28 ta' Dicembru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Q qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;